

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ġunju 2015 – Best-Lock (Europe) vs UASI– Lego Juris (Forma ta' figurina tal-logħob)

(Kawża T-395/14) ⁽¹⁾

[“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja tridimensjonali — Forma ta' figurina tal-logħob — Motivi assoluti għal rifjut — Sinjal kkostitwit esklużivament mill-forma imposta min-natura stess tal-prodott — Sinjal kkostitwit esklużivament mill-forma tal-prodott neċessarju għall-ksib ta' riżultat tekniku — Artikolu 7(1)(e)(i) u (ii) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Mala fide — Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009*”]

(2015/C 262/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Best-Lock (Europe) Ltd (Colne, ir-Renju Unit (rappreżentant: J. Becker, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: D. Hanf u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Lego Juris A/S (Billund, id-Danimarka) (rappreżentant: V. von Bomhard, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tas-26 ta' Marzu 2014 (Każ R-1695/2013-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Best-Lock (Europe) Ltd u Lego Juris A/S.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Best-Lock (Europe) Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 315, 15.9.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ġunju 2015 – Best-Lock (Europe) vs UASI – Lego Juris (Forma ta' figurina tal-logħob bi sporġenza)

(Kawża T-396/14) ⁽¹⁾

[“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja tridimensjonali — Forma ta' figurina tal-logħob bi sporġenza — Motivi assoluti għal rifjut — Sinjal kkostitwit esklużivament mill-forma imposta min-natura stess tal-prodott — Sinjal kkostitwit esklużivament mill-forma tal-prodott neċessarju għall-ksib ta' riżultat tekniku — Artikolu 7(1)(e)(i) u (ii) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”]

(2015/C 262/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Best-Lock (Europe) Ltd (Colne, ir-Renju Unit) (rappreżentant: J. Becker, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: D. Hanf u A. Folliard-Monguiral, aġenti)